VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 02

l-Erbgħa, 24 t'April, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Raymond Azzopardi, Raymond Attard, Vincent Fabri u Vincent Farrugia.

**TALBA**

Il-Kunsillier Attard qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru. 1 li saret nhar It-Tlieta, 9 t'April, 2013, fil-19.00hrs kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku nforma li ser għalkemm tlesta x-xogħol fuq il-bandli baqa' biss is-sistema tal-carmeras. Qed jiġi diskuss l-aħjar mod kif dan isir minħabba li jekk titħaffer it-triq l-ispejjes ser jitilgħu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.2 Is-Sindku nforma li nagħatat ċavetta lill-kull resident li jogħqod fi Sqaq l-Iljuni. Ingħataw ukoll kundizzjonijiet li ffirmaw għalihom. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.3 Is-Sindku nforma dwar il-kwistjoni tat-tenders ta' l-iskart. Informa li peress li appell normalment jinqata' fi żmien bejn 2-4 xhur skont il ligi, il-kunsill se jibqa' bil-kuntratt temporanju. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li peress li il-Kunsill ġie mogħti 2 progetti taż-żgħazagħ (Scala l-Italia u Turkija) nforma li kienet ser issir preparatory visit biex isiru l-preparamenti neċessarji. Ma dan il-proġett is-Sindku propona li ssir Tour għal costa Amalfitana. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku nforma li l-Kunsill li ser isiru l-preparamenti biex terġa ssir il-ġita għall-Sirakuża *Shopping*. Għalhekk l-amminstrazzjoni ġiet nfurmata biex tibda tipprepara biex naraw xi prezzijiet u ġiti hawn *available.* Il-Kunsill qabel dwar dan

2.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-istendina min Cities for Children biex l-Kunsill jipparteċipa fl-AGM fi Stuttgart. Għalhekk l-Kunsillier Vincent Farrugia ser jattendi l-Konferenza Annwali ġewwa Stuttgart f' Mejju 2013. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.4 Is-Sindku nforma li kien ser jattendi għal għotja tal- Award tal-V18. Il-Kunsill mhux ser iħallas għal spejjes ta' V18.

2.5 Is-Sindku nforma li l-Kunsill ser jieħu sehem fl-Executive Meeting tal-European Walled Towns. Il-Kunsill ikkonferma li l-Ex Viċi Sindku għandu jibqa' jattendi għal dawn il-laqgħat. Dan ser ikun akkumpanjat mis-Segretarja Generali tal-EWT Gabriella Agius u l-Communications Officer tal-EWT Matthew Carbonaro u Victor Sladden l-Advisor tal-EWT. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand IL-Klabb tal-Boċċi ta' St. Paul's u dak ta' Marsamxett. Dawn talbu biex isir zebgħa fil-*pitches* rispettivi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.2 Il-Kunsill rċieva proposta ta' Courses min għand TCTC. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Ħsieb tal-Kunsill huwa li dan jigi nkorporat mas-summer school. La darba tiġi magħżula l-*Community Worker* tibda il-ħidma tas-*Summer School.* Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-possibilita' li jsiru xi *sports* differenti waqt is-*Summer School.*

3.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand *Heritage Malta* dwar il-bidu tar-restawr tas-saqaf tal-*Main Guard. Heritage Malta* bagħtet l-ewwel *invoice*. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas.

3.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex jipparteċipa f'konferenza - Dublin Declaration 2013 on Age Friendly Cities and Communities. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jipparteċipa għal din il-laqgħa.

3.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand AKL biex jipparteċipaw fil-laqgħa ta' Sindki u Viċi Sindki. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza biex jixtri program għal *Permits Management System.* Il-Kunsill qabel li għandu jadotta din is-sistema.

3.7 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand 3 residenti l-belt li għamlu applikazzjoni ma Transport Malta biex isirilhom disabled parking. Il-Kunsill qabel li 2 minnhom għandhom isiru wieħed minnhom għandhom dubju w għalhekk preferew li jistennew id-deċizjoni ta' TM qabel ma jsir.

3.8 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Mona Farrugia biex din isirilha Resident Parking Permit. Is-Segretarja nfurmat għal liema raguni din ma jistax ikollha dan il-permess. Il-Kunsill qabel dwar dan. Il-Kunsillier

Raymond Azzopardi nforma li hu kien bgħat *emails* lis-Segretarja fejn informa li Paul Spiteri Segretarju tal-Football club kellu *temporary parking permit* iffirmat min għandha. Is-Segretarja nfurmat li qatt ma rċeviet it-tali korrispondenza min għand il-Kunsillier Azzopardi.

## 4. AMMINISTRAZZJONI

4.1 Is-Segretarja nfurmat li wara li żaret żona f'Marsamxett mat-Town Centre Manager fejn preżentat anke ritratt lill-kunsilliera, tablet biex tingħata l-approvazzjoni biex din iż-żona titnaddaf mill-ħaxix ħażin biex ikun jista' jittaffa l-problema tal-parkeġġ issa li dieħel l-istagun tas-sajf. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitnaddaf, isiru l-linji u għandha ssir rampa biex il-karozza jkunu jistgħu jaċċessaw l-area.

4.2 Is-Segretarja nfurmat li t-Town Centre Manager gabar quotation għal dog litter bins. Din ġiet preżentata fil-kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jfittex aktar suppliers peress li l-prezz kien ftit għoli.

4.3 Is-Segretarja nfurmat li rċeviet xi adjustments min għand l-awditur. Spjegat l-*adjustments* kollha w l-kunsill qabel.

4.4 It-*Town Centre Manager* nforma lill-Kunsill li wara li saret laqgħa mal-Baned tal-Belt. Dawn qed isibu diffikulta' biex jagħtu s-servizz għal-kunċert tas-Sette Guigno u la Vallette talbu €3000 biex jagħtu dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li dan il-prezz huwa għoli wisq u t-*Town Centre Manager* għandu jergħa jitkellem magħhom.

4.5 It-*Town Centre Manager* nforma lill-Kunsill li hemm bzonn jinxtraw mejda u siggijiet tat-tfal għal dawk li jiġu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.6 It-Town Centre Manager propona li jsir bust ta' Mattia Preti fil-Pjazza. I-Kunsill qabel ma din il-proposta u lkoll qablu li kullħadd ser jieħu ħsieb li jġib xi proposta.

4.7 It-Town Centre Manager nforma li l-Kunsill rċieva korrispondenza min għand il-Kurja dwar il-kungrezz Ewkaristiku li ser isir nhar is-7 ta' Gunju 2013.

4.8 It-Town Centre Manager nforma lill-Kunsill dwar il-Jum Marittimu.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 6 ta' Mejju 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku